# Il-Qniepen il-qodma ta' Trigance

*Anton Morana*

Qabel ma saru l-qniepen li għandna l-lum maħduma mid-ditta Taljana ta' Barrigozzi fl-1928, hawn Ħal Luqa kellna erba' qniepen u oħra qadima"li kienu taw lill-knisja l-aħwa Bonnici". Fid-19 ta' Novembru 1795, l-Avukat Gużeppi Casha, offra li jagħmel minn butu żewġ qniepen ġodda għall-Knisja ta' Ħal Luqa. L-Isqof Vincenzo Labini laqa' t-talba tiegħu meta kien fuq Vista Pastorali hawn Ħal Luqa.

L-Avukat Ġużeppi Casha kien jiġi n-neputi ta' Theresa Ellul, mart l-Ispiżjar Ġużeppi Ellul, benefattur kbir tal-knisja tagħna. Il-ftehim fuq il-qniepen sar mal-fundatur Ġakkmu Trigance, li kien fundatur ukoll ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Il-kuntratt kien jgħid li l-qanpiena l-kbira kellha tkun tiżen bejn 11 u 12-il qantar u ż-żgħira 4 qnatar u nofs. Sal-15 ta' April kellhom ikunu lesti t-tnejn. Dak in-nhar tal-kuntratt, Trigance tħallas 450 skud u ħa wkoll il-qanpiena l-qadima ta' l-aħwa Bonnici li kienet stmata 75 skud. Meta kienu lesti l-qniepen, ġew jiswew 1732 skud, 112-il skud u nofs minnhom kienu għax-xogħol ta' Trigance. L-Avukat Ġużeppi Casha ħallas l-ispejjeż kollha.

Fl-1928, meta saru l-qniepen il-ġodda, il-Patrijiet Tereżjani ta' Birkirkara xtraw il-qniepen ta' Trigance u dendluhom fil-kampnar tal-Knisja l-qadima ta' Santa Tereża. Il-lum dawn il-qniepen tniżżlu u jinsabu fil-maħżen qrib il-knisja l-ġdida tat-Terżjani f'Birkirkara. Kif jidher minn dawn ir-ritratti ppubblikati , fuqhom hemm xbiha ta' Sant' Andrija Appostlu kif ukoll kitba li turi l-isem ta' Ġużeppi Casha li ħallas l-ispejjeż kif ukoll dak ta' Ġakkmu Trigance li ħadimhom. Tidher ukoll imnaqqxa s-sena li fihom inħaddmu jiġifieri l-1796.

Dan hu wirt ieħor ta' Ħal Luqa. Tgħid għad nerġgħu narawhom lura fostna?







Fir-ritratt ta' fuq jidhru ż-żewġ qniepen maħduma minn Ġakkmu Trigance fil-maħżen tat-Tereżjani f'Birkirkara. Fir-ritratt ovali tidher ix-xbiha ta' Sant' Andrija minquxa fuq il-qanpiena l-qadima filwaqt li tidher ukoll paġna mill-ftehim notarili li sar biex inħadmu l-qniepen

JET SET SALON
Tuesday to Saturday
9:00 am - 5:00pm
HAIR BY
GERALDINE & ELAINE
146, NEW STREET, LUQA. (Infront of Old Mid-Med)
TEL: 67 43 62

THE Gallery HAIR STUDIO
joseph zahra director
The Gallery Hair Studio
62, Sir Ugo Mifsud Street
Luqa LQA04
Tel: 21803636
Mob: 99807352